TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 697

KAZ NRU. 868

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Renato Briffa

u

Diplomat Hotel

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 11 ta' Marzu 1996

CHAIRMAN : Is-Sur George Borg Cardona

Waqt li l-appellant qed jallega tkeccija ngusta l-Kumpanija tirritjeni li kien hemm rizenja volontarja u ghalhekk it-Tribunal mghandux jiehu konjizzjoni tal-kaz.

Il-Kumpanija tikkontendi li kien hemm ftehim ma l-appellant li jirrizenja u li tatu xahar leave biex matulu jsib xoghol alternattiv. Izda sussegwentement l-ewwel ried li l-Kumpanija tirrangalu b'mod li jkun jista' jirregistra ghax-xoghol biex jiehu l-beneficcju tal-qaghad u mbaghad cahad li kien qabel li jirrizenja u talab tlett xhur paga biex jitlaq.

L-appellant jghid li qatt ma rrizenja izda ammetta li kien accetta li jekk isib post iehor jitlaq. Hu qal li fittex xoghol alternattiv waqt il-leave li nghata mill-Kumpanija

izda ma sabx xoghol kif xtaq hu. Ghalhekk ma setghax jirrizenja u fil-fatt ma rrizenjax.

Mix-xhieda u wara li ezamina c-cirkostanzi kollha t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li kien sar xi arrangament bejn il-partijiet dwar it-terminazzjoni ta' l-impieg. Izda ma jirrezultax, minghajr dubju ragonevoli, li kien hemm rizenja volontarja jew li, jekk kien hemm ftehim ta rizenja, din ma kienetx kondizzjonata li ssehh jekk l-appellant isib xoghol iehor. Anqas ma jirrezulta li saret rizenja bil-miktub jew li sar ftehim dwar tali rizenja quddiem xhud. L-allegat ftehim ta rizenja jew terminazzjoni sar bejn is-Sur Tony Caruana, Food and Beverage Manager, u l-appellant minghajr xhieda u l-versjoni taghhom hija konflingenti.

It-Tribunal jirrimarka li kien hemm nuqqas ta' serjeta fil-mod kif agixxew il-partijiet u jippretendi li kellhom jimxu b'aktar ghaqal fejn kien involut temm ta' mpieg.

It-Tribunal, fin-nuqqas ta' provi definittivi ta rizenja volontarja, ma jistax jilqa t-talba tal-Kumpanija u jiddeciedi li jkompli jisma l-kaz fuq il-merti tat-terminazzjoni ta' l-impieg.

It-Tribunal jerga jaghmel appell lill-partijiet li qabel ma ssir is-seduta li jmiss jipprovaw jaslu ghal ftehim.

George Borg Cardona
Chairman

George Attard
Segretarju